Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8572 — Pamplona Capital/Parexel)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 259/05)

1. Fl-1 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Pamplona Capital (ir-Renju Unit) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriża Parexel International Corporation kollha kemm hi (l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal Pamplona Capital: fond ta' investiment dinji ta' ekwità privata, li jipprovdi pjattaforma ta' investiment bejn ekwità privata, fond ta' fondi spekulattivi (hedge funds) u maniġer uniku tal-investimenti tal-fondi spekulattivi,

— għal Prexel International Corporation: servizzi ta' esternalizzazzjoni bijofarmaċewtiċi, li jipprovdu firxa wiesgħa ta' kompetenzi fir-riċerka klinika, loġistika klinika, komunikazzjoni medika, konsultazzjoni, kummerċjalizzazzjoni u prodotti ta' teknoloġija avvanzata u servizzi lill-industriji madwar id-dinja tal-farmaċewtiċi, tal-bijoteknoloġija u tal-apparati mediċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8572 — Pamplona Capital/Parexel, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.